MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 90/2012

**A B**
**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fl-10 ta’ Mejju tal-1996, u minn din l-ghaqda twieldet tifla, D B, li ghadha minuri.

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dr Bartolomeo Micallef datat 10 ta’ Ottubru 2007, li kopja tieghu tinsab hawn mehmuza.

Illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba’ (4) snin separati, huma ghandhom hajja separata minn xulxin, u anke qeghdin f’relazzjoni ma’ terzi.

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali hawn mehmuz, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin ghalihom infushom, u dan in forza ta’ klawsola numru tlieta (3) tal-istess att;

Illi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment versu l-minuri, li ai termini tal-istess att, permezz ta’ klawsola numru tlieta (3) tal-istess, gie likwidat u stipulat fl-ammont ta’ Lm60, ekwivalenti ghal € 139.76, fix-xahar, dan qed jithallas mill-intimat lill-esponenti regolarment.

Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-intimat jaqbel mat-talbiet attrici, u cioe li dina l-Onorabbli Qorit tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta’ l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16, Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi, l-unika eccezzjoni li l-intimat ghandu x’jissoleva illi m’ghandux ibati l-ispejjez tal-attrici ta’ dawn l-odjerni proceduri;
3. Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimat jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata mill-istess intimat bil-gurament tieghu;

Semghet lir-rikorrenti tixhed;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta’ kuntratt datat 10 ta’ Ottubru 2007;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u irrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi l-manteniment dovut ghat-tifla minuri qieghed jithallas regolarment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------